MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2012

Numru. 723/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeanne Farrugia**
**vs**
**Abbas Abdulmajid Al Yasin**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Abbas Abdulmajid Al Yasin, ta’ 38 sena, ta’ nazzjonalita’ Sirjana, mwieled f’Edlib is-Sirja, fl-1 ta’ Lulju, 1974, iben Abdulmajid Al Yasin u Aisha, ta’ passaport Sirjan numru 006457069 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

U akkuzat talli fil-15 ta’ Lulju, 2012, f’dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’passaport, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport li hu kien jaf li huwa ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih cioe’ passaport Bulgaru bin-numru 330005389 (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmi (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita’ legittima uza dokument, cioe’ passaport Bulgaru bin-numru 330005389, mehtieg ghal fini ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni li kien iffalsifikat (Kap 217, Sec 32(1f) tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta’ Lulju, 2012 (esebit *a folio* 8 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta’ Dicembru, 2011 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-17 ta’ Lulju, 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri izda kkunsidrat ukoll il-gravita’ tar-reati addebitati lill-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 32(f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------